32004R0026

L 5/25 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 9.1.2004

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 26/2004
tat-30 ta' Diċembru 2003
dwar ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd taħt il-politika komuni dwar is-sajd [1], u b'mod partikolari Artikolu 15 (3) u (4) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tar-regoli tal-politika komuni dwar is-sajd, skond l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002, kull Stat membru huwa meħtieġ li jżomm reġistru tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tiegħu u l-Kummissjoni hija meħtieġa li tistabbilixxi reġistru tal-flotta tal-Komunità fuq il-bażi tar-reġistri nazzjonali.

(2) Sabiex din tkun għodda komprensiva u effettiva għall-implimentazzjoni tar-regoli tal-politika komuni dwar is-sajd, ir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità għandu jinkludi l-bastimenti tas-sajd kollha tal-Komunità, inklużi dawk użati esklussivament fl-akwakultura.

(3) Sabiex tkun tista' ssir disponibbli l-informazzjoni essenzjali għall-amministrazzjoni tal-kapaċità tal-flottot tas-sajd u l-attività tagħhom, l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-bastiment li għandha tidher fir-reġistru għal kull Stat Membru skond l-Artikolu 15 (1) tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 għandha tkun identifikata.

(4) It-tifsira tal-proċeduri biex tintbagħat lill-Kummissjoni l-informazzjoni li tidher fir-reġistru ta' kull Stat Membru hija meħtieġa biex tiżgura aġġornar regolari tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità.

(5) Il-karatteristiċi u l-immarkar esterni rekordjati fir-reġistru miżmum minn kull Stat Membru għandhom ikunu speċifikati skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) 2930/86 tat-22 ta' Settembru ta' l-1986 li jiddefinixxi l-karatteristiċi għall-bastimenti tas-sajd [2], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3259/94 [3], u r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1381/87 ta' l-20 ta' Mejju 1987 li jistabbilixxi regoli dettaljati dwar l-immarkar u d-dokumentazzjoni ta' bastimenti tas-sajd [4].

(6) L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw il-ħin kollu l-kwalità ta' l-informazzjoni mogħtija fir-reġistri nazzjonali tagħhom u jiżguraw li tiġi verifikata mill-Kummissjoni malli tiġi rċevuta.

(7) Sabiex jiġu segwiti l-movimenti ta' bastimenti bejn Stati Membri u biex tiġi żgurata l-rabta mhix ekwivoka bejn l-informazzjoni li tinsab fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità u d-*data* minn sistemi oħra ta' informazzjoni li tirrelata ma' attivitajiet tas-sajd, huwa importanti li jiġi allokat numru uniku ta' identifikazzjoni għal kull bastiment tas-sajd tal-Komunità, li ma jista' taħt l-ebda ċirkostanza jiġi assenjat mill-ġdid jew jinbidel.

(8) Biex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament u tiġi simplifikata l-amministrazzjoni ta' l-informazzjoni, l-għodda tal-komunikazzjoni li għandhom jintużaw bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni iridu jkunu definiti.

(9) Għandu jiġi stipulat li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-aċċess mill-Istati Membri għall-informazzjoni kollha fir-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità bl-osservanza tad-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-protezzjoni tad-*data* personali stipulata fir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5].

(10) Fid-dawl tal-bidliet magħmula permezz tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 tal-metodu għall-amministrazzjoni tar-reġistri tal-bastimenti tas-sajd, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2090/98 tat-30 ta' Settembru 1998 dwar ir-reġistru tal-bastimenti tas-sajd tal-Komunità [6], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 839/2002 [7], għandu jitħassar.

(11) Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sajd u l-Akwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament:

(a) jistabbilixxi l-informazzjoni minima dwar il-karatteristiċi u l-attività li għandhom jidhru fir-reġistru li kull Stat Membru għandu jżomm dwar il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "ir-reġistru nazzjonali");

(b) jippreskrivi l-obbligi ta' l-Istati membri fir-rigward tal-ġbid, validazzjoni u trasmissjoni ta' *data* mir-reġistru nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni;

(ċ) jippreskrivi l-obbligi tal-Kummissjoni fir-rigward ta' l-amministrazzjoni tar-reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Komunità (hawnhekk iżjed 'l quddiem imsejjaħ "ir-reġistru tal-Komunità").

[1] ĠU L 358, tal-31.12.2002, p. 59.
[2] ĠU L 274 25.9.1986, p. 1.
[3] ĠU L 339, 29.12.1994, p. 11.
[4] ĠU L 132, 21.5.1987, p. 9.
[5] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
[6] ĠU L 266, 1.10.1998, p. 27.
[7] ĠU L 134, tat-22.5.2002, p. 5.

2. Id-*data* mir-reġistru tal-Komunità għandha sservi bħala referenza għall-applikazzjoni tar-regoli tal-politika komuni dwar is-sajd.

Artikolu 2

Skop

Dan ir-Regolament għandu jgħodd għall-bastimenti kollha tas-sajd tal-Komunità, inklużi dawk użati esklussivament fl-akwakultura kif definit fil-punt 2.2 tal-Anness III li jinsab mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2792/1999 ([1])

Artikolu 3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jgħoddu d-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "avveniment": kull dħul jew ħruġ mill-flotta ta' bastiment jew reġistrazzjoni jew bidla fil-karatteristiċi tiegħu kif definiti fl-Anness I;
2. "transmissjoni": it-trasferiment diġitali ta' avveniment wieħed jew aktar tan-*network* ta' telekomunikazzjonijiet stabbilit bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-Kummissjoni;
3. "stampa": il-ġrajjiet kollha rekordjati għall-bastimenti li jikkomprendu l-flotta ta' Stat membru bejn iċ-ċensiment imsemmi fl-Anness I u d-data tat-trasmissjoni;
4. "*data* personali": l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-aġenti u l-proprjetarji ta' bastimenti tas-sajd.

Artikolu 4

Ġbid ta' *data*

Kull Stat membru għandu jiġbor mingħajr dewmien id-*data* msemmija fl-Anness II għall-bastimenti tal-Komunità li jtajru l-bandiera tiegħu.

Artikolu 5

Rekordjar fir-reġistru nazzjonali

Kull Stat Membru għandu jivvalida d-*data* miġbura skond Artikolu 4 u jirrekordjha fir-reġistru nazzjonali tiegħu.

Artikolu 6

Trasmissjoni perjodika

Kull Stat membru għandu jittrasmetti stampa lill-Kummissjoni fl-ewwel jum utli ta' Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru ta' kull sena.

Artikolu 7

Rekordjar fir-reġistru tal-Komunità

1. Malli tirċievi l-istampa, l-Komunità għandha tivverifika d-data li jkun fiha u ddaħħalha fir-reġistru tal-Komunità. Jekk ma jinkixef ebda żball din l-istampa għandha tissostitwixxi dik ta' qabel.

Jekk jinkixfu żbalji, l-Kummissjoni għandha tibgħat il-kummenti tagħha lill-Istat Membru li għandu jagħmel il-korrezzjonijiet meħtieġa fir-reġistru nazzjonali tiegħu u jibgħat lill-Kummissjoni stampa ġdida fi żmien għaxart ijiem utli min-notifikazzjoni tal-Kummissjoni.

2. Wara li tirċievi u tivverifika l-istampa l-ġdida, l-Kummissjoni għandha tirreġistraha jew tirrifjutaha jekk l-istampa jkun fiha żbalji mhux kompatibbli mal-politika komuni dwar is-sajd.

Jekk l-istampa aċċettata jkun għad fiha l-iżbalji, dawn għandhom jiġu notifikati lill-Istat membru li għandu jimpenja ruħu li jikkoreġihom minnufih skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 8.

3. Ir-reġistru tal-Komunità għandu jkun disponibbli għall-Istati Membri, skond ir-regoli stabbiliti bl-Artikolu 11, madwar xi 20 jum utli wara d-data tat-trasmissjoni perjodika ta' l-istampa.

Artikolu 8

Trasmissjoni temporanja

1. Fejn l-implimentazzjoni ta' miżuri speċjali taħt il-politka komuni dwar is-sajd hekk teħtieġ, l-Istat Membru, jew minn jeddu, jew fuq it-talba tal-Kummissjoni, għandu jittrasmetti mingħajr dewmien mir-reġistru nazzjonali tiegħu it-tagħrif aġġornat għall-bastimenti konċernati.

2. It-tagħrif trasmess għandu jkun fih għal kull bastiment il-partikolaritajiet tal-ġrajjiet kollha mid-data tad-dħla tiegħu fil-flotta sad-data tat-trasmissjoni.

3. Malli tirċievi l-istampa, l-Kummissjoni għandha tivverifika t-tagħrif u tissostitwih fir-reġistru tal-Komunità.

Artikolu 9

Għodda ta' komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri

1. It-trasmissjoni ta' *data* bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandha tkun immaniġġata permezz ta' l-applikazzjoni tal-IT żviluppata mill-Kummissjoni.

2. Ir-reġistru tal-Komunità u d-*data* li tikkonċerna l-verifiki u l-moniteragg tat-trasmissjonijiet għandhom ikunu aċċessibbli għall-Istati membri fuq l-*Internet*.

([1]) ĠU L 337, 30.12.1999, p. 10.

Artikolu 10

Numru ta' identifikazzjoni "CFR"

In-numru CFR imsemmi fl-Anness I għandu jidentifika l-bastimenti tas-sajd b'mod uniku. Dan għandu jkun inkluż fit-trasmissjonijiet kollha ta' *data* bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni li tikkonċerna l-karatteristiċi u l-attivitajiet tal-bastimenti tas-sajd.

In-numru għandu jiġi assenjat definittavament meta bastiment jiġi reġistrat għall-ewwel darba fir-reġistru nazzjonali. Dan ma jistax jinbidel jew jiġi assenjat mill-ġdid lil xi bastiment ieħor.

Artikolu 11

Aċċess

1. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha li tkun tinsab fir-reġistru tal-Komunità bil-kundizzjoni li dawn josservaw id-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-protezzjoni ta' *data* personali li jirriżultaw mir-Regolament (KE) Nru 45/2001, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu.

2. Il-pubbliku għandu jkollu aċċess għal verżjoni tar-reġistru tal-Komunità li ma jkunx fih *data* personali.

3. Talbiet għall-aċċess għad-*data* personali fir-reġistru tal-Komunità għandhom jiġu trattati mill-Kummissjoni skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

Artikolu 12

Tħassir

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2090/98 huwa b'dan imħassar.

Artikolu 13

Dhul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-30 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

DEFINIZZJONI TA' *DATA* U DESKRIZZJONI TA' REĠISTRAZZJONI

Isem taż-żona	Numru massimu ta' karattri	Allinjament (1) L(xellug)/R (lemin)	Definizzjoni u kummenti
Pajjiż ta' reġistrazzjoni	3	—	Stat Membru (Kodiċi Alpha-3 ISO) li fih il-bastiment huwa reġistrat għas-sajd skond ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002. Dejjem il-pajjiż li jirrapporta.
CFR (2)	12	—	(Numru tar-reġistru tal-flotta tal-Komunità). Numru uniku ta' identifikazzjoni ta' bastiment tas-sajd. Stat Membru (Kodiċi Alpha-3 ISO) segwit b'serje ta' identifikazzjoni (disa' karattri). Fejn serja jkollha anqas minn disa' karattri, għandhom jiddaħħlu żerijiet addizzjonali man-naħa tax-xellug.
Kodiċi ta' incident	3	—	Kodiċi li tidentifika t-tip ta' incident rapportat. (Tabella 1)
Data ta'l-incident (3)	8	—	Data (SSSSXXJJ) meta jkun seħħ
Indikatur tal-liċenza	1	—	Bastiment b'liċenza tas-sajd skond ir-Regolament (KE) Nru 3690/93: I(iva)/L(le)
Numru tar-reġistrazzjoni	14	L	
Immarkar estern	14	L	Skond ir-Regolament (KEE) Nru 1381/87
Isem tal-bastiment	40	L	
Port ta' reġistrazzjoni	5	L	Kodiċi nazzjonali (4)
Indikatur IRCS	1	—	Bastiment b'radju internazzjonali abbord: I(Iva)/L(Le)/MM(Mhux magħruf) (5)
IRCS	7	L	(Sinjal tas-sejħa internazzjonali bir-radju). Sinjal tas-sejħa internazzjonali bir-radju
Indikatur VMS	1	—	(Sistema ta' moniteragg tal-bastiment) Bastiment b'sistema ta' moniteragg permezz tas-satellita skond l-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002: I(iva)/L(le)
Tagħmir prinċipali tas-sajd (6)	3	L	Kodiċi tat-tagħmir prinċipali (Tabella 3)
Tagħmir tas-sajd sussidjarju	3	L	Kodiċi tat-tagħmir tas-sajd sussidjarju (Tabella 3)
LOA	6	R	(Tul kollu) It-tul kollu f'metri definit skond ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86.
LBP	6	R	(It-tul bejn il-perpendikolari) It-tul bejn il-perpendikolari f'metri, skond ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86.

(1) Informazzjoni rilevanti għat-trasmissjoni ta' *data* permezz ta' formattjar b'tul fiss.

(2) Numru Intern ta' qabel.

(3) Fil-każ ta' ċensiment tal-flotta din hija id-data taċ-ċensiment fl-Istat Membru (Tabella 2). Għat-tipi l-oħra kollha ta' incidenti, d-data tad-dokument uffiċjali li jirrekordja l-ġrajja għandha tiġi notifikata.

(4) Il-bidliet kollha fil-kodiċi nazzjonali jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

(5) Mhux validu għall-bastimenti kollha tal-flotta jew rapportat mill-1 ta' Jannar 2003.

(6) It-tagħmir tas-sajd kunsidrat li huwa l-aktar wieħed li jintuża ta' spiss abbord il-bastiment għall-perjodu ta' sena jew għal kamppanja tas-sajd.

Isem taż-żona	Numru massimu ta' karattri	Allinjament (1) L(xellug)/R (lemin)	Definizzjoni u kummenti
Tunnellaġġ TG	8	R	Fit-TG, definit skond ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86.
Tunellaġġ ieħor (2)	8	R	F'tunnellati metriċi skond il-Konvenzjoni ta' Oslo jew skond id-definizzjoni li għandha tiġi preskritta mill-Istat Membru.
TG (2)	7	R	Fit-TG, żieda fit-tunnellaġġ permessa fuq il-bażi ta' sigurezza skond l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.
Saħħa tal-makna prinċipali (2)	8	R	F'kW, skond ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86.
Saħħa tal-makna awżiljari (2)	8	R	F'kW. Tinkludi s-saħħa kollha tal-makni stallati mhix taħt l-intestatura "Saħħa tal-makna prinċipali."
Materjal tal-buq	1	—	Kodiċi (Tabella 4)
Sena li fih ġie kummissjonat	4	—	Skond ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86.
Xahar li fih ġie kummissjonat	2	—	Skond ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86.
Jum li fih ġie kummissjonat	2	—	Skond ir-Regolament (KEE) Nru 2930/86.
Segment	3	—	Kodiċi (Tabella 5)
Pajjiż ta' importazzjoni/esportazzjoni	3	—	Kodiċi Alpha-3 ISO għall-pajjiż importatur jew esportatur.
Tip ta' esportazzjoni	2	—	Kodiċi (Tabella 6)
Kodiċi għal għajnuna pubblika	2	—	Kodiċi (Tabella 7)
Data tad-deċiżjoni amministrattiva	8	—	Data (SSSSXXJJ) tad-deċiżjoni amministrattiva msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1438/2003, Artikolu 6.
Segment kopert bid-deċiżjoni amministrattiva	3	—	Kodiċi tas-segment MAGP li għandu jiġi notifikat skond ir-Regolament (KE) Nru 1438/2003.
Sena ta' kostruzzjoni	4	—	
Lok ta' kostruzzjoni	100	L	Test liberu. L-isem tat-tarznar, belt u pajjiż fejn inbena l-buq.
L-isem ta'l-aġent tal-bastiment	100	L	Aġent tal-bastiment: Persuna naturali: kunjom, isem, Persuna ġuridika: isem
Indirizz ta'l-aġent tal-bastiment	100	L	Test liberu. L-indirizz għandu jkun ċar biżżejjed biex jippermetti li l-aġent jiġi kuntattjat: triq, numru, kaxxa, kodiċi postali, belt u pajjiż.
Indikatur tal-proprjetarju	1	—	Bastiment li l-aġent tiegħu huwa wkoll il-proprjetarju I(iva)/L(le)

(1) Informazzjoni rilevanti għat-trasmissjoni ta' *data* permezz ta' formattjar b'tul fiss.

(2) Valur numeriku b'żewġ punti deċimali mhux obbligatorji. Is-separatur għall-figuri deċimali huwa l-punt. Ebda separatur ma huwa aċċettat għall-eluf. Valur numeriku b'żewġ punti deċimali mhux obbligatorji. Is-separatur għall-figuri deċimali huwa l-punt. Ebda separatur ma huwa aċċettat għall-eluf.

Isem taż-żona	Numru massimu ta' karattri	Allinjament (1) L(xellug)/R (lemin)	Definizzjoni u kummenti
Isem tal-proprjetarju	100	L	Proprjetarju tal-bastiment: Persuna naturali: kunjom, isem Persuna ġuridika: isem
Indirizz tal-proprjetarju	100	L	Test liberu. L-indirizz għandu jkun ċar biżżejjed biex jippermetti li l-proprjetarju jiġi kkuntattjat: triq, numru, kaxxa, kodiċi postali, belt u pajjiż.

(1) Informazzjoni rilevanti għat-trasmissjoni ta' *data* permezz ta' formattjar b'tul fiss.

Tabella 1

Kodiċi tat-tip ta' incident

Daħla tal-flotta	Censiment	CEN
	Kostruzzjoni ġdida	CST
	Bdil ta' attività	CHA
	Importazzjoni intra-Komunitarja, trasferiment	IMP
Fi ħdan il-flotta	Modifikazzjoni	MOD
Ħruġ mill-flotta	Tkissir, għarqa	DES
	Bdil ta' attività	RET
	Esportazzjoni intra-Komunitarja, trasferiment	EXP

Tabella 2

Data ta' ċensiment iffissat mill-pajjiż

BEL, DNK, FRA, GBR, PRT	ta' l-1.1.1989
NLD	ta' l-1.9.1989
DEU, ESP	ta' l-1.1.1990
IRL	ta' l-1.10.1990
ITA	ta' l-1.1.1991
GRC	ta' l-1.7.1991
SWE, FIN	ta' l-1.1.1995
CYP, EST, LTU, LVA, MT, POL, SVN	ta' l-1.5.2004

Tabella 3

Kodiċi għal tagħmir tas-sajd

Kategorija tat-tagħmir	Tagħmir	Kodiċi	Tagħmir statiku (S) jew irmonkat (T)	Pelaġiku (P) jew jgħijx qrib il-qiegħ tal-bahar (D)
Xbieki jiċċirkondaw	Tartaruni forma ta' borża	PS	T	P
	Xbieki tal-lampara	LA	T	P
Tartaruni	Tartaruni twal	SB	T	D/P
	Tartaruni Daniżi	SDN	T	D/P
	Tartaruni Skoċċiżi	SSC	T	D/P
	Tartaruni f'pari	SPR	T	D/P
Xbieki tat-tkarkir	Xbieki tat-tkarkir mill-ġnub	TBB	T	D
	Xbieki għat-takarkir tal-qiegħ	OTB	T	D
	Xbieki f'pari għat-tkarkir tal-qiegħ	PTB	T	D
	Xbieki għat-tkarkir f'nofs-fond	OTM	T	D/P
	Xbieki għat-tkarkir pelaġiċi f'pari	PTM	T	D/P
	Xbieki f'pari għat-tkarkir tal-qiegħ	OTT	T	D/P
Gangmi	Gangmi tad-dgħajjes	DRB	T	D
	Gagmi tal-idejn użati abbord bastiment	DRH	T	D
	Gangmi mekkanizzati inklużi karrakki bi ġbid tal-arja	HMD	T	D
Xbieki ta'l-irfiegħ	Xbieki ta' rfiegħ operati minn dgħajjes	LNB	S	P
	Xbieki ta' rfiegħ stazzjonarji operati mill-art	LNS	S	P
Għażel tal-wiċċ u xbieki li jeħel il-ħut magħhom	Xbieki tal-wiċċ issettjati (ankrati)	GNS	S	D
	Pariti tal-wiċċ	GND	S	D/P
	Xbieki tal-wiċċ li jdawrru l-ħut	GNC	S	D/P
	Pariti	GTR	S	D/P
	Pariti mgħaqqda ma' xbieki tal-wiċċ	GTN	S	D/P
Nasses	Nasses	FPO	S	D

Kategorija tat-tagħmir	Tagħmir	Kodiċi	Tagħmir statiku (S) jew irmonkat (T)	Pelaġiku (P) jew jgħijx qrib il-qiegħ tal-baħar (D)
Snanar u xolfa	Xolfa ta' l-idejn u tal-qasab (imħaddma bl-idejn)	LHP	S	D/P
	Xolfa ta' l-idejn u tal-qasab (mekkanizzati)	LHM	S	D/P
	Konzijiet ankrati	LLS	S	D
	Konzijiet (jitkaxkru mal-kurrent)	LLD	S	P
	Xolfa bir-rixa	LTL	T	P
Tagħmir mhux magħruf (1)		NK		
Ebda tagħmir (2)		NO		

(1) Mhux validu għall-bastimenti kollha tal-flotta jew rapportat mill-1 ta' Jannar 2003.

(2) Validu biss għal tagħmir sussidjarju tas-sajd.

Tabella 4

Kodiċi għall-materjal tal-buq

Injam	1
Metall	2
Fibra tal-ħġieġ/plastik	3
Oħrajn	4
Mhux magħruf (1)	5

(1) Mhux validu għall-bastimenti kollha tal-flotta jew rapportat mill-1 ta' Jannar 2003.

Tabella 5

Kodiċi ta' segmentazzjoni

Data ta' incident qabel il-31.12.2002	Kodiċi MAGP		
Data ta'l-incident mill-1.1.2003	Flotta tal-pajjiż prinċipali	MFL	
	Reġjun l-aktar imbieghed (1)	Franza	Kodiċi MAGP IV
		Il-Portugall	Kodiċi MAGP IV
		Spanja	CAN1 à CANn
	Akwakultura	AQU	

(1) Kodiċi provviżorji suġġetti għall-adozzjoni ta' segmentazzjoni għall-Gżejjer Kanarji u segmentazzjonijiet differenti għal dawk tal-MAGPs IV għar-reġjuni l-aktar imbieghda ta' Franza u l-Portugall wara l-adozzjoni ta'l-abbozz tar-regolament tal-Kunsill dwar l-amministrazzjoni tal-flottot reġistrati fir-reġjuni l-aktar imbieghda (COM(2003) 175 finali).

Tabella 6

Kodiċi għat-tipi ta' esportazzjoni

Esportazzjoni intra-Komunitarja jew trasferiment	EX
Esportazzjoni fi ħdan negozju bi sħab	SM

Tabella 7

Kodiċi għal għajnuna pubblika

Għajnuna mhix finanzjata f'parti mill-Komunità	AE
Għajnuna finanzjata f'parti mill-Komunità skond ir-Regolament (KE) Nru 2792/1999	AC
Ebda għajnuna pubblika	PA

ANNESS II

DATA LI GĦANDHA TIĠI PROVDUTA SKOND IT-TIP TA INCIDENT DEFINIT FL-ANNESS I, IT-TABELLA 1

	Dħul tal-flotta				Fi ħdan il-flotta	Ħruġ mill-flotta		
	CEN	CST	CHA	IMP	MOD	DES	RET	EXP
Pajjiż ta' reġistrazzjoni	X	X	X	X	X	X	X	X
CFR	X	X	X	X	X	X	X	X
Kodiċi ta l-incident	X	X	X	X	X	X	X	X
Data ta l-incident	X	X	X	X	X	X	X	X
Indikatur tal-liċenza (1)	X	X	X	X	X	X	X	X
Numru tar-reġistrazzjoni	X	X	X	X	X	X	X	X
Immarkar estern	X	X	X	X	X	X	X	X
Isem tal-bastiment	X	X	X	X	X	X	X	X
Port ta' reġistrazzjoni	X	X	X	X	X	X	X	X
Indikatur IRCS	X	X	X	X	X	X	X	X
IRCS (2)	X	X	X	X	X	X	X	X
Indikatur VMS (1)	X	X	X	X	X	X	X	X
Tagħmir prinċipali tas-sajd	X	X	X	X	X	X	X	X
Tagħmir tas-sajd sussidjarju	X	X	X	X	X	X	X	X
LOA (1) (3)	X	X	X	X	X	X	X	X
LBP (3)	X	X	X	X	X	X	X	X
Tunellaġġ Gross GT (4) (5) (X)	X	X	X	X	X	X	X	
Tunellaġġ ieħor (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
TG	X	X	X	X	X	X	X	X
Saħħa tal-makni	X	X	X	X	X	X	X	X
Saħħa tal-makna awżiljari	X	X	X	X	X	X	X	X
Materjal tal-buq	X	X	X	X	X	X	X	X
Sena li fih ġie kummissjonat (6)	X	(1)	(1)	(1)	X	X	X	X
Xahar li fih ġie kummissjonat	X	(1)	(1)	(1)	X	X	X	X
Jum li fih ġie kummissjonat	X	(1)	(1)	(1)	X	X	X	X
Segment	X	X	X	X	X	X	X	X
Pajjiż ta' importazzjoni/esportazzjoni	—	—	—	X	—	—	—	X
Tip ta' esportazzjoni (1)	—	—	—	—	—	—	—	X
Kodiċi għal għajnuna pubblika	—	X	X	X	(7)	X	X	X
Data tad-deċiżjoni amministrattiva (8)	—	X	X	X	—	—	—	—
Segment kopert b'deċizjoni amministrattiva (9)	—	X	X	X	—	—	—	—

(1) Tagħrif mandatorju għall-bastimenti kollha fil-flotta jew rapportat mill-1 ta' Jannar 2003.

(2) Ħalli vojta jekk "l-indikatur IRCS" huwa "L".

(3) Wieħed miż-żewġ tulijiet għandu jiġi rapportat għall-incidenti kollha qabel il-31 ta' Diċembru 2002.

(4) Wieħed miż-żewġ tunellaġġi grossi għandu jiġi rapportat għall-ġrajjiet kollha qabel il-31 ta' Diċembru 2003.

(5) Tagħrif mandatorju għall-bastimenti kollha fil-flotta qabel l-1 ta' Jannar 2004.

(6) Is-sena li fiha l-bastiment ġie kummissjonat jew mibni għandha tiġi rapportata għall-incidenti kollha qabel il-31 ta' Diċembru 2002.

(7) Tagħrif mandatorju biss fejn żieda fit-tunnellaġġ tiġi awtorizzata għal raġunijiet ta' sigurezza.

(8) Timtela biss għal dħul fil-flotta mill-1 ta' Jannar 2003 wara deċiżjoni amministrattiva meħuda mill-1 ta' Jannar 2000.

(9) Għandha timtela biss għal dħul fil-flotta mill-1 ta' Jannar 2003 wara deċiżjoni amministrattiva meħuda bejn l-1 ta' Jannar 2000 u l-31 ta' Diċembru, 2002.

	Dħul tal-flotta				Fi ħdan il-flotta	Ħruġ mill-flotta		
	CEN	CST	CHA	IMP	MOD	DES	RET	EXP
Sena ta' kostruzzjoni (1)	X	X	X	X	X	X	X	X
Lok ta' kostruzzjoni (2) (3)	X	X	X	X	X	X	X	X
Isem ta l-aġent (2) (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
Indirizz ta l-aġent (2) (4)	X	X	X	X	X	X	X	X
Indikatur tal-proprjetarju	X	X	X	X	X	X	X	X
Isem tal-proprjetarju (2) (3) (5)	X	X	X	X	X	X	X	X
Indirizz tal-proprjetarju (2) (3) (5)	X	X	X	X	X	X	X	X

(1) Is-sena li fiha l-bastiment ġie kummissjonat jew mibni għandha tiġi rapportata għall-inċidenti kollha qabel il-31 ta' Diċembru 2002.

(2) Tagħrif mandatorju għall-bastimenti kollha fil-flotta qabel l-1 ta' Jannar 2004.

(3) Tagħrif mandatorju għall-bastimenti kollha fil-flotta jew rapportati mill-1 ta' Jannar 2003 b'tul sħiħ ta' mhux anqas minn 27-il metru jew ta' tul bejn il-perpendikulari ta' mhux anqas minn 24 metru.

(4) Tagħrif mandatorju għall-bastimenti kollha fil-flotta jew rapportati mill-1 ta' Jannar 2003 b'tul sħiħ ta' mhux anqas minn 15-il metru jew ta' tul bejn il-perpendikulari ta' mhux anqas minn 12-il metru.

(5) Halli vojta jekk "l-indikatur tal-proprjetarju" huwa "I".